# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 9**

**Rikors numru 3/16 SM**

**Liliana Farrugia**

**v.**

**Avukat Generali**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat l-Avukat Generali, mis-sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju, 2017, [is-sentenza appellata], mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti irrespingiet ir-risposti kollha tieghu, u filwaqt li irrespingiet ukoll it-talba tar-rikorrenti ghal risarciment tad-danni pekunjarji

allegatament sofferti minnha, iddikjarat li l-istess rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt taghha ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni] u llikwidat favur ir-rikorrenti kumpens ghad-danni morali sofferti minnha fl-ammont ta' €10,000 li ghandu jithallas mill-intimat flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet legali li kellhom jibdew jiddekorru mill-11 ta' Jannar, 2016.

Mertu

2. Illi r-rikorrenti appellata fethet dawn il-proceduri biex tikseb dikjarazzjoni li d-dritt fondamentali taghha ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, kif protett taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, gie lez bid-dewmien fil-proceduri civili u ghaldaqstant talbet lill-ewwel Qorti sabiex tillikwida l-ammont ta' danni kemm pekunjarji, kif ukoll dawk morali, u sabiex tikkundanna lill-intimat ghall-hlas ta' dak l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

3. Fir-risposta tieghu, l-intimat cahad li kien hemm ksur tad-drittijiet protetti mill-artikolu citati mir-rikorrenti, u fl-eventwalita` li l-ewwel Qorti ssib li kien hemm ksur allura semplici dikjarazzjoni ta' ksur huwa rimedju adegwat fic-cirkostanzi tal-kaz.

## Is-Sentenza Appellata

4. Fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju, 2017, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti ghal dan l-appell:

"19.0. Illi l-fatti riskontrati jistabbilixxu s-segwenti:

"19.1 Illi bejn l-incipit u l-konkluzjoni definittiva taghha, l-procedura li minnha r-rikorrenti odjerna qed tilmenta komplessivament hadet aktar minn tnejn u ghoxrin (22) sena, …;

"19.2 Illi t-talbiet inkluzi fl-istess procedura in dizamina kienu jirrigwarjdaw kundanna ghar-responsabbilita` u hlas ta' danni wara l-kroll tas- Save-On Supermarket f'Rahal Gdid, fil- 21 ta' Lulju,1990, …;

"19.3 Illi minn ezami tal-istess atti hawn annessi ma jistax jinghad li l-problematika hemm riferita kienet tipprezenta xi meritu kkumplikat jew inordinatament difficli li jiggustifika b'xi modi d-dewmien riskontrat;

"19.4 Illi in prim'istanza jirrizulta li l-istess procedura hawn minnha lamentata kienet assenjata li lxejn anqas minn disa' (9) imhallfin;

"19.5 Illi l-appell intavolat hu datat il- 15 ta' Gunju, 2012, u deciz fit-28 ta' Marzu, 2014, - sena u disa' xhur wara li l-istess appell kien intavolat;

"19.6 Illi in prim'istanza jirrizulta li gew appuntati hames (5) periti legali, espert tekniku u zewg (2) esperti psikjatrici;

"19.7 Illi r-rikorrenti dejjem kienet assistita mill-istess avukat difensur ta' fiducja taghha;

"19.8 Illi minn ezami tal-atti annessi mall-procedura odjerna, kuntrarju ghal dak li jsosstni l-intimat, ma jirrizultax li r-rikorrenti kkontribwiet ghal xi dewmien esagerat;

"19.9 Illi di piu' jigi sottolineat li ghalkemm l-istess procedura hawn lamentata mir-rikorrenti kienet serja fin-natura taghha, pero' ma kienet tipprezenta l-ebda komplessita` partikolari – la fattwali u lanqas gurdika;

"Ikkunsidrat:

"20. Illi tenut kont li in prim'istanza l-procedura hawn lamentata hadet qrib l-ghoxrin (20) sena biex tigi konkluza, allura ghandu jkun abbundantement pacifiku, li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni;

"21. Illi ovvjament, il-fatt li l-kawza de quo kienet assenjata lill-numru daqshekk kospikwu t-imhallfin, dan ma ikkontribwiex biextigi superata l-istess lanjanza;

"…

"Ikkunsidrat:

"24. Illi ezami tal-atti ma' dik odjerna ma jhallu l-ebda dubju fir-rigward u ghalhekk jigi sottolineat li jirrizulta li fl-istess procedura kien hemm dewmien ezagerat u irragonevoli;"

## L-Appell

7. L-intimat Avukat Generali pprezenta l-appell tieghu fis-6 ta' Gunju, 2017, fejn filwaqt li ddikjara li hu kien jaqbel ma' dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din cahdet it-talba tar-rikorrenti appellata ghal risarciment ta' danni pekunjarji, hu kien qed jappella mill-parti l-ohra ta' dik is-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 6(1) u llikwidat danni morali fl-ammont ta' €10,000, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Jannar, 2016. B'hekk kien qed jappella mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

8. <u>L-ewwel aggravju</u>: l-appellant issottometta li l-ewwel Qorti kienet applikat hazin il-principji legali li jirregolaw il-vertenza tad-dewmien fi process gudizzjarju. Ghalkemm dik il-Qorti identifikat il-fatturi li kellhom jigu kkonsidrati, meta ghaddiet biex tezaminhom fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ghall-kaz odjern, xort ma waslitx ghal konkluzjoni gusta. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ghalkemm kienet ikkonsidrat in-natura u l-kumplessita` tal-kawza, ma tat l-ebda motivazzjoni jew gustifikazzjoni ghall-konkluzjonijiet taghha. L-ewwel Qorti tat l-impressjoni li l-proceduri kienu ta' *facile spedizione*, izda naqqset milli tikkonsidra l-htiega f'dawk il-proceduri tal-hatra ta' diversi periti u wkoll it-talba tar-rikorrenti appellata ghan-nomina ta' espert mediku (dentist) wara aktar minn 10 snin mid-data meta kienu gew intavolati l-proceduri civili. Ghal dak li kien jirrigwarda t-tieni kriterju, jigifieri l-imgieba tal-partijiet matul l-*iter* tal-process gudizzjarju, l-ewwel Qorti ftit li xejn tat spjegazzjonijiet u ma tat l-ebda konsiderazzjoni ghall-komportament tar-rikorrenti li certament kellu impatt fuq it-tul tal-kawza, partikolarment il-konnessjoni li saret ma' zewg kawzi ohra. Ukoll it-talba tardiva tar-rikorrenti appellata ghall-hatra ta' espert mediku (dentist) ma kinitx giet ikkonsidrata mill-ewwel Qorti. Fattur iehor li naqqset l-ewwel Qorti li tikkonsidra, kien ukoll li ma jirrizulta l-ebda ilment matul il-proceduri civili mill-partijiet dwar id-dewmien. Sahansitra kienet hi li talbet is-sospensjoni tal-proceduri minhabba possibilita` ta' transazzjoni bejn il-

partijiet. Kien hemm ukoll diversi seduti fejn ma sar xejn minhabba li r-rikorrenti ma kinitx hallset il-periti.

9. <u>It-tieni aggravju:</u> Ir-rikorrenti appellata ma kienet intitolata ghall-ebda kumpens ghal danni morali, stante li fid-decizjoni taghha il-Qorti Civili, Prim' Awla, tat-28 ta' Mejju, 2012 ikkonkludiet, li ma kellux isir tnaqqis ta' 20% ghal-*lump sum payment* minhabba li l-proceduri kienu ilhom pendenti sa mis-sena 1992. Erga' is-somma likwidata f'dik is-sentenza kienet inhaddmet fuq *multiplier* ta' 26 sena minhabba c-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk l-ammont ta' danni morali kellu jkun inqas minn €10,000.

10. <u>It-tielet aggravju</u>: l-appellant hassu wkoll aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ordnat li hu kellu jkun responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez u wkoll tal-imghaxijiet mill-11 ta' Jannar, 2016; jissottometti li l-ebda imghax ma kellu jithallas in linea ta' danni morali, u f'kwalunkwe kaz l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza finali.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

11. L-intimat appellant ressaq tlett aggravji: (1) l-ewwel Qorti applikat skorrettament l-principji legali fir-rigward ta' dewmien fil-process gudizzjarju meta ddecidiet dwar il-ksur tad-drittijiet fondamentali; (2) ir-rikorrenti

appellata ma kienet intitolata ghal ebda danni morali, izda jekk din il-Qorti jidhrilha li dawn huma dovuti allura l-ammont ta' dawn id-danni kellu jkun inqas minn €10,000; u (3) l-ispejjez ma kellhomx jithallsu minnu filwaqt li l-imghaxijiet jistghu biss ikunu dovuta sa mid-data tas-sentenza finali.

12. Qabel xejn, din il-Qorti tirrileva li diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha fuq ilment simili ta' ksur tad-dritt ta' smiegh fi zmien ragjonevoli fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet **Iris Cassar u Michael Cassar v. Avukat Generali**. Mill-verbali tas-seduti rispettivi tat- 22 ta' Novembru, 1993, u tas-17 ta' Jannar, 1994, tal-Qorti Civili, Prim' Awla, jirrizulta li l-proceduri in kwistjoni fl-ismijiet *Liliana Farrugia et vs Francis Gauci*, kienu gew rikjamati biex jimxu mal-proceduri fl-ismijiet **Iris u Michael Cassar v. Francis Gauci** wkoll pendenti quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla. Fl-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2012 il-Qorti laqghet it-talba, tad-difensuri tal-partijiet sabiex fil-konsiderazzjonijiet taghha tiehu konjizzjoni tal-atti ta' din il-kawza li kienet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar, 2012, u kien hemm qbil ukoll li l-provi li kienu ngabru f'dik il-kawza kellhom iservu ta' prova ghall-fini ta' responsabbilita` fil-kawza odjerna.

13. Dwar l-appell tal-Avukat Generali, din il-Qorti tosserva li fl-ewwel aggravju tieghu hu qed isostni li l-ewwel Qorti applikat skorrettament il-principji legali li jirregolaw id-dewmien fi process gudizzjarju. Ghal dak li

jirrigwarda l-ewwel kriterju kkonsidrat mill-ewwel Qorti, jigifieri n-natura u l-kumplessita` tal-kawza, dik il-Qorti, filwaqt li ddikjarat li l-proceduri in kwistjoni ma kienux partikolarment komplessi kemm fattwalment kif ukoll guridikament, ma tat l-ebda motivazzjoni jew gustifikazzjoni. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. L-appellata kienet fethet kawza civili sabiex titlob ir-risarciment ta' danni li garrbet meta korriet fi stabbiliment kummercjali tal-konvenut. L-incident kien sehh ghax xi xkaffar li fuqu kienet esposta merkanzija ghall-bejgh ceda taht il-piz tal-merkanzija. Irrizulta li dan l-ixkaffar kien iddisinjah il-konvenut stess ghalkemm ma kellux tahrig f'din il-materja. Fil-fatt l-ixkaffar ceda appuntu ghax ma kienx disinjat sew u ma kienx jiflah ghall-piz li tghabba fuqu. Dwar responsabilita`, ghalhekk, ma jidhirx li kien hemm xi kwistjoni kumplessa: il-konvenut fetah stabbilment kummercjali ghall-pubbliku bla ma ha hsieb johloq ambjent li min jidhol fih jaghmel hekk bla perikolu ghall-inkolumita` tieghu u wkoll indahal ghal xoghol bla ma kellu l-hila ghalih. Il-likwidazzjoni tad-danni wkoll ma pprezentatx xi komplessita` partikolari aktar minn dik illi tipprezenta kull kawza ghal danni akwiljani minhabba lezjoni personali. Il-fatt li kien hemm htiega ta' tlett perizji ma hijiex xi haga wisq insolita u ma kien hemm xejn xi jzomm illi l-perizji jimxu flimkien. Ghandu jinghad ukoll li l-ebda espert tekniku jew perit mediku ma dam aktar minn sittax-il xahar biex ghamel l-ezami necessarju u pprezenta r-rapport tieghu.

14. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt li l-ewwel Qorti naqqset milli tapplika korrettament it-tieni u t-tielet kriterji fl-ezami tad-dewmien tal-proceduri gudizzjari, jigifieri l-imgieba tal-partijiet waqt il-proceduri u l-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja.

15. Din il-Qorti, kif ghamlet fis-sentenza taghha fil-proceduri fl-ismijiet **Iris Cassar u Michael Cassar v. Avukat Generali** (Q Kostituzzjonali 17.03.15) ser tghaddi sabiex tqies jekk l-argument tal-appellant hux gustifikat jew le fid-dawl ta' kif svolgew il-proceduri civili quddiem il-Prim' Awla, Qorti Civili:

> [a] il-kawza nfethet b'citazzjoni fit-2 ta' Ottubru, 1992, u n-nota tal-eccezzjonijiet giet ipprezentata fit-28 ta' Dicembru, 1992. Kemm id-dikjarazzjoni mahlufa pprezentata flimkien mac-citazzjoni u kemm dik pprezentata flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet ma jaghtu l-ebda taghrif utli dwar kif sehh l-incident u dwar ir-responsabbilita` o meno tal-konvenut ghal dak l-incident. Ukoll jigi osservat li l-ebda dokument ma jinsab ipprezentat ma' dawk id-dokumenti li seta` jservi ta' dak li kien qed jinghad fid-dikjarazzjonijiet guramentati rispettivi tal-partijiet.
>
> [b] tqeghdet fuq il-lista tad-9 ta' Frar, 1993, u nzammet l-ewwel seduta, izda ma deher hadd;

[c] fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1993, filwaqt li rega' ma deher hadd, il-Qorti Civili, Prim' Awla ddecidiet li tinnomina perit legali, nomina li fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemm ghalfejn issir f'kawza li ma kienet tirrikjedi l-ebda taghrif specjalizzat, u li fil-fehma tal-Qorti kienet wahda mir-ragunijiet ewlenin ghad-dewmien;

[d] fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 1994, dik il-Qorti ddiferixxiet il-kawza *sine die* fuq talba tar-rikorrenti appellata wara fil-verbal tas-seduta precedenti kienet infurmat li l-kawza kienet giet rikjamata sabiex timxi flimkien mal-kawza fl-ismijiet I*ris u Michael Cassar vs Francis Gauci* : dan generalment isir sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni fil-gbir tal-provi izda zgur xejn ma ghen sabiex jigi evitat dewmien zejjed;

[e] fit-2 ta' Gunju, 1994, il-kawza giet rikjamata minn imhallef iehor sabiex timxi flimkien ma' zewg kawzi ohra, wahda minnhom *Iris Cassar v. Francis Gauci* kif jirrizulta min-nota konguntiva tal-partijiet a fol 16 tal-process, u fl-istess seduta l-Qorti Civili, Prim' Awla ssostitwiet il-perit legali b'iehor;

[f] fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 1995, saret in-nomina tal-espert tekniku Dott. Frederick Zammit Maempel u r-rapport mediku tieghu gie pprezentat fil-11 ta' Frar, 1997, hmistax-il xahar wara n-nomina li ma jistax jitqies bhala kontributorju ghad-dewmien;

[g] mill-verbal tas-7 ta' Frar, 1996, jirrizulta li l-kawza ghaddiet ghand it-tielet imhallef u erga' ghand ir-raba' wiehed, kif ukoll gie appuntat it-tielet perit legali in sostituzzjoni tat-tieni wiehed, haga li ma kellhiex issir galadarba t-tieni perit legali kien iddikjara li kien zamm sittax-il seduta u dan f'sbatax-il xahar u l-provi kienu ghadhom miftuha;

[h] fil-5 ta' Settembru, 1997, inghata digriet fejn giet sostitwita l-perit legali, u erga' dan seta` gie evitat billi l-qorti tkompli tisma' l-provi hi;

[i] fis-17 ta' Frar, 1999, il-kawza bdiet tinstema' mill-hames imhallef u l-Qorti Civili, Prim' Awla giet mgharrfa li kienet qed tigi esplorata l-possibilita` ta' transazzjoni bejn il-partijiet;

[j] fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 1999, dik il-Qorti ghal darb'ohra giet mgharrfa li kien hemm possibilita` ta' transazzjoni;

[k] l- AIC Joseph Ellul Vincenti gie nominat fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 1999, u t-taxxa fir-rigward tad-dritt tieghu nharget fil-25 ta'Jannar, 2001, b'hekk ghal darb'ohra ma jidhirx li dan il-perit zied mad-dewmien tal-proceduri;

[l] fis-7 ta' Mejju, 2002, il-kawza ghaddiet lis-sitt imhallef;

[m] fis-7 ta' Mejju, 2002, sar verbal fejn fil-presenza tal-avukat tar-rikorrenti appellata tnizzel li l-kawza kienet ser tibqa' differita ghal probabbli cessjoni;

[n] fl-14 ta' Ottubru, 2002, il-kawza ghaddiet lis-seba' mhallef;

[o] fis-6 ta' Mejju, <u>2003</u>, jigirfieri aktar minn 10 snin wara li kienet fethet il-proceduri, ir-rikorrenti appellata ddecidiet li kienet importanti n-nomina ta' espert mediku dentist u l-Qorti laqghet it-talba taghha permezz tan-nomina ta' Profs. George Camilleri li minn fol 152 jirrizulta li ssokta l-inkarigu tieghu fid-19 ta' April, 2004, u minn fol 154

u 156 jirrizulta li kien ipprezenta r-rapport tieghu permezz ta' nota fir-Registru tal-Qorti fil-21 ta' April, 2004, lanqas sena wara n-nomina tieghu, u halfu fis-6 ta'Lulju, 2005,

[p] fil-5 ta' Dicembru, 2006, il-kawza ghaddiet ghand it-tmint imhallef;

[q] fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2007, hemm indikat li l-AIC Joseph Ellul Vincenti kien lesta r-rapport tieghu zmien qabel u ghaddih lill-perit legali;

[r] fis-16 ta' Jannar, 2008, gie revokat l-inkarigu tal-perit legali – wara ghaxar snin mill-hatra taghha fejn fl-ahhar hames snin kellu jithejja r-rapport li qatt ma sehh - b'ordni li l-inkartament jigi ritornat fir-Registru tal-Qorti fi zmien gimaghtejn;

[s] fis-27 ta' Frar, 2008, il-Qorti Civili, Prim' Awla nnotat li l-inkartament kien gie ritornat lura izda r-rapport tal-AIC Joseph Ellul Vincenti kien nieqes, u ghalhekk ghamlet ordni sabiex il-perit tekniku jidher u jesebixxi r-rapport tieghu fis-seduta sussegwenti;

[t] fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2008, dik il-Qorti revokat l-inkarigu tal-perit legali b'sostituzzjoni ta' perit legali iehor u ddiferiet il-kawza ghar-rapport, ghal darb'ohra sostituzzjoni li setghet giet evitata billi l-Qorti Civili, Prim' Awla, tghaddi ghas-sentenza minflok thalli f'idejn il-perit legali li thejji rapport dwar ir-rizultanzi;

[u] fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2009, jigifieri kwazi sena wara l-hatra taghha ghal dak li jidher kien it-thejjija tar-rapport biss, dehret il-perit

legali quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla u nfurmatha li l-provi kienu ngabbru kollha u kien jonqos biss ir-rapport;

[v] l-avukat tar-rikorrenti appellanti pprezenta nota b'dokument sabiex jigi rtirat mill-perit legali li fil-fatt irtiratu aktar tard, zgur li f'dan l-istadju jista' jitqies mhux f'waqqtu;

[w] fil-15 ta' Jannar, 2010, gie ntaxxat ir-rapport tal-perit legali li nhallef fit- 22 ta' Frar, 2011;

[x] fl-1 ta'Gunju, 2011, il-kawza ghaddiet ghand id-disa' mhallef;

[y] fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2011, ir-rikorrenti appellata ghamlet talba sabiex it-trattazzjoni ssir bil-miktub u ghalhekk il-Qorti Civili, Prim' Awla kkoncediet il-partijiet iz-zmien ghal dan, b'differiment ghat-trattazzjoni finali orali;

[z] in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti appellata giet ipprezentata fit-30 ta' Awissu, 2011;

[aa] fil-11 ta' Novembru, 2011, il-kawza giet assenjata lill-ghaxar imhallef wara li l-imhallef precedenti astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

[bb] in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut giet ipprezentata fit-18 ta' Jannar, 2012;

[cc] il-kawza giet deciza fit-28 ta' Mejju, 2012, u fil-15 ta' Gunju, 2012, il-konvenut appella mis-sentenza;

[dd] l-appell gie appuntat ghall-14 ta' Jannar, 2013, fejn dehret l-appellata stante li hi biss kienet giet notifikata bl-avviz tas-smiegh, u l-appell gie differit ghat-28 ta' Jannar, 2013;

[ee] fis-seduta sussegwenti tal-14 ta' Ottubru, 2013, deher il-konvenut fejn ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh u l-proceduri gew differiti ghall-14 ta' Novembru, 2013, ghall-legitimazzjoni tal-atti stante li fil-mori kien miet ir-ragel tal-appellata;

[ff] fl-14 ta' Novembru, 2013, il-Qorti tal-Appell minhabba impenn ta' wiehed mill-imhallfin barra minn Malta, iddiferit l-appell ghad-9 ta' Dicembru, 2013;

[gg] fit-9 ta' Dicembru, 2013, il-proceduri gew diferiti ghall-20 ta' Jannar, 2014, ghat-trattazzjoni orali u wara tali trattazzjoni, inghata differiment ghat-28 ta' Marzu, 2014, sabiex tinghata s-sentenza finali, kif fil-fatt sar.

16. Minn dan kollu jirrizultaw is-segwenti fatturi li kkontribwew ghad-dewmien:

A. in-nuqqas da parti tar-rikorrenti appellata li titlob il-hatra tal-periti mehtiega mill-bidunett u mhux snin wara, sahansitra wkoll 10 snin wara l-ewwel seduta quddiem il-qorti ;

B. il-hatra ta' perit legali, anzi ta' erba' periti legali konsekuttivi, ghall-gabra tal-provi li saret fuq medda ta' 17-il sena meta dan seta` b'mod sew aktar efficjenti u ddixxiplinat;

C. iz-zmien twil li fih ma sar xejn quddiem il-periti legali, inkluz dak biex kull wiehed/wahda mit-tlett perit legali jirritorna/tirritorna l-process meta dan/din gie/giet sostitwit/sostitwita u l-5 snin moghtija, jew ahjar, mohlija mill-perit legali sabiex jithejja r-rapport li qatt ma sar ; u

D. in-nuqqas ta' kontroll mill-qorti, kemm minhabba dwar il-fatt tal-hatra ta' perit legali fejn b'hekk it-tmexxija tal-proceduri ma baqghux f'idejn il-qorti, kemm ghaliex il-kawza ghaddiet mill-idejn ta' 10 imhallfin konsekuttivi fejn kull imhallef gie sostitwit wisq malajr qabel ma qabad ir-riedni sew.

17. Mill-premess ghandu jirrizulta manifest li fil-proceduri civili li jikkoncernaw lill-appellata kien hemm nuqqas ta' diligenzja specjali da parti tal-Qorti Civili fit-tmexxija tal-kawza, kien hemm ukoll nuqqas inerenti fis-sistema li rrizulta fil-fatt li l-kawza ghaddiet f'idejn numru kbir ta' gudikanti, u kien hemm ukoll nuqqas lampanti tal-partijiet, fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawzi b'heffa u efficjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-Qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-Qorti tkun tista' twettaq id-dmir taghha, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali illi l-istat ghandu jkun esonerat minn responsabilita` ghal dewmien ta' ghexieren ta' snin biex tinqata' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja. Il-Qorti dan tghidu minghajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabilita` kontributorja tar-rikorrenti appellata f'dawk il-proceduri illi ghandha jkollha relevanza fil-likwidazzjoni tal-kumpens lilha dovut.

18. Ghaldaqstant l-ewwel l-aggravju tal-Avukat Generali mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

19. <u>It-tieni aggravju</u> tal-appellant hu li l-ebda kumpens m'ghandu jkun dovut tenut kont li l-Qorti Civili, Prim' Awla fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet **Liliana Farrugia et v. Francis Gauci** kienet iddecidiet li ma jsir l-ebda tnaqqis ta' 20% ghalkemm kellu jsir *lump sum payment.* Dan stante li d-dewmien f'dik il-kawza li ma kien ser jhalli l-ebda beneficcju ta' hlas bil-quddiem. L-appellant jirrileva wkoll li s-somma ta' danni likwidati lir-rikorrenti appellata kienet inhaddmet fuq *multiplier* ta' 26 sena u mhux ta' 24 sena, u dan minhabba c-cirkostanzi tal-kaz. Madankollu, jekk il-Qorti jidhrilha li l-appellata hi dovuta kumpens ghad-dewmien fil-proceduri in kwistjoni, allura d-danni morali kellhom jigi likwidati f'ammont inqas minn dak ta' €10,000 u dan biex tinzam ir-relattivita` u l-uniformita` mill-Qorti fil-likwidazzjoni tal-kumpens non pekunjarju.

20. Fir-rigward din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-appell jitratta il-quantum tad-danni non pekunjarji u mhux id-danni pekunjarji, u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet u l-fatturi li wasslu lill-qrati civili ghall-komputazzjoni tad-danni materjal jezorbitaw mill-parametri ta' dan l-appell. Ghaldaqstant il-konsiderazzjonijiet dwar il-in-nuqqas ta' percentagg moghti minn dawk il-

qrati fuq il-*lump sum payment* huma irrelevanti ghal dan l-appell. Dan m'għandux jinftiehem fis-sens li din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li f'kawzi dwar dewmien il-Qrati ta' Kompetenza Kostituzzjonali ma jaghtux danni materjali fejn jirrizulta li l-attur ikun sofra dawn id-danni.

21. Rigward ir-relattivita` u l-uniformita` dwar il-komputazzjoni tal-ammont dovut bhala danni non pekunjarji, din il-Qorti, ghalkemm taqbel mal-Avukat Generali illi ghandu kemm jista' jkun jinzamm grad ta' uniformita` fil-likwidazzjoni tal-kumpens, ukoll fl-interess tal-prevedibilita`, madankollu kull kaz ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tieghu. Fil-kaz odjern, l-appellata kienet korriet serjament u id-dewmien mhux gustifikat holqilha ansjeta` kemm minhabba l-memorja mgedda matul 20 sena ta' incident ikreh, kif ukoll minhabba l-incertezza dwar l-ezitu tal-kawza ghal zmien daqshekk twil. Ukoll l-appellata sofriet ansjeta` minhabba incertezza dwar jekk kenitx sejra jkollha l-mezzi mehtiega biex taghmel dak li hu mehtieg ghall-fejqan taghha u wkoll biex thallas ghall-ghajnuna li minhabba d-debilita` taghha b'konsegwenza tal-incident saritilha mehtiega.

22. Abbazi tal-konsiderazzjonijet premssi ghandu jirrizulta manifest li is-sistema gudizzjarja naqset lill-istess appellata bir-rizultat li din sofriet ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

23. Huwa minnu wkoll illi, kif intwera fuq, l-appellata tahti wkoll ghad-dewmien biex intemmet il-kawza civili, u ghal din ir-raguni u tenut kont tal-kumpens likwidat minn din il-Qorti fil-kaz simili fl-ismijiet **Iris Cassar u Michael Cassar v. Avukat Generali** moghtija fis-27 ta' Marzu, 2015, din il-Qorti ser tilqa' in parte t-tieni aggravju tal-Avukat Generali u tnaqqas il-kumpens dovut ghal tmint elef ewro (€8,000).

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jgi ghalhekk milqugh limitatament.

25. It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn hu gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-proceduri, kif ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mill-11 ta' Jannar, 2016. In vista ta' dak fuq deciz u tenut kont li irrizulta li kien hemm dewmien kontributorju da parti tar-rikorrenti huwa ekwu u gust li dan il-fattur jkun rifless fil-kaz tal-ispejjez. Rigward id-dekorriment tal-imghax fuq il-kumpens moghti, il-Qorti tosserva li, minkejja li din il-Qorti irriduciet l-ammont moghti mill-ewwel Qorti, l-ammont dovut kien diga` gie sostanzjalment stabbilit u sar determinabbli fl-ewwel sentenza u ghalhekk huwa gust li l-ammont jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata.

26. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi gustifikat u qed jigi hekk milqugh.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ordnat il-hlas ta' €10,000 mill-intimat lir-rikorrenti u tirrevokaha in kwantu ordnat li l-imghax fuq dan l-ammont kellu jibda jiddekorri mill-11 ta' Jannar 2016 u minflok, tirriduci l-ammont tal-kumpens non pekunajru dovut mill-intimat lir-rikorrenti ghas-somma ta' tmient elef euro [€8,000] u li l-imghax fuq dan l-ammont jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, jigifieri 18 ta' Mejju 2017.

L-ispejjez relatati mal-proceduri fl-ewwel istanza ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet in kwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] jithallsu mill-intimat filwaqt li r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] jkun a kariku tar-rikorrenti.  L-ispejjez tal-appell jinqasmu fi kwoti ugwali bejn il-partjiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df